KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**21/17**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza mis-Sindku skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret il-lum 9 ta' Frar, 2011.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi - Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier *
Sur Edwin Formosa – Kunsillier
* Dahal fil-laqgha fis-5.55pm

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sinjura Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**Agenda: Latrina Pubblika fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

Il-laqgha bdiet fil 5.35 pm.

Is-Sindku fetah il-laqgha billi nforma lill-Kunsill dwar kontijiet esagerati dwar il-konsum ta' l-ilma fil-latrina li mid-19 ta' Novembru, 2009 sal-14 ta' Dicembru, 2010 jlahqu s-somma ta € 4728.23 meta dan il-konsum qabez ferm dak li kien ikun fil-passat. Dan jidher ukoll ferm esagerat meta l-iskola Umberto Colosso kienet ukoll tinsab maghluqa.

Is-Sindku kompla jispjega dwar dak li ghamel il-Kunsill sabiex jivverifika dwar dak li seta gara u dwar kif Ufficjali tal-Water Services Corporation irrapurtaw li meta ezaminaw l-arlogg sabuh tajjeb u ssupettaw li kien hemm xi tbaghbis min-naha ta' fuq il-bejt. Meta f'jum iehor telghu fuq il-bejt spezzjonaw it-tank tal-ilma tal-latrina u sabu n-nofs tal-ghata mnizzel 'il isfel u jzomm il-ballun mgherreq. Sabu ukoll, pajp tal-'acorn' li beda jzomm l-istess ballun (float) mgherreq u l-ilma jfur ghal barra.

Is-Sindku qal li sar rapport dwar dan lill-Pulizija li bdiet tinvestiga u li l-Pulizija hadet ukoll xi stqarrijiet minghand l-Ufficjali ta' Santa Venera Bocci Club izda mhux minn dawk mill-Ufficjali tal-Kunsill. Il-Kunsill ghadu mhux infurmat dwar fejn wasal dan l-istharrig.

Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-Kumitat sabiex ihallsu l-kontijiet gholjin. Wara s-Sindku informa lill-Kunsill dwar zewg laqghat li huwa u l-Agent Segretarju Ezekuttiv kellhom ma l-Ufficjali ta' Santa Venera Bocci Club fejn li l-Kunsill insista li mhux f'pozizzjoni li jhallas il-kont prezenti u dwar r-responsabilita diretta li ghandu s-Santa Venera Bocci Club sabiex jiehu hsieb din il-latrina peress li l-istess Santa Venera Bocci Club kien inghata dan l-inkarigu li ghalih il-Kunsill ta Santa Venera qed ihallas lill-istess Santa Venera Bocci Club s-somma ta € 411.66 fix-xahar.

F'dawn iz-zewg laqghat gie spjegat b'mod car u kategoriku illi l-Kunsill lest biss li jhallas ghall-konsum normali u ghalhekk is-Santa Venera Bocci Club kellu jhallas id-differenza.

Fl-ewwel laqgha tal-Kunsill mar-rapprezentanti ta' Santa Venera Bocci Club kien gie miftiehem illi l-Kunsill jaghti gimgha zmien sabiex ikollu risposta.

Fit-tieni laqgha li ghaliha gew il-President (li stqarr li ma kienx jaf li fuq il-bejt tal-latrina hemm tank ta' l-ilma tal-latrina u iehor tal-Klabb) u s-Segretarju ta' Santa Venera Bocci Club.

F'din it-tieni laqgha il-Kunsill gie infurmat mill-President u mis-Segretarju tal-Club illi kien gie deciz li Santa Venera Bocci Club ma thallas ghall ebda kont jew taghmel xi forma ta' kumpens dwar dak li kien qed jitlob il-Kunsill.

Is-Sindku spjega ukoll li waqt li kien qed isir dan l-istharrig kien jinghalaq l-pixxatur li minnu johrog l-ilma sabiex inaddaf il-vaski li hemm fil-latrina. Is-Sindku qal li b'mod inspjegabli, wara li kien jinghalaq il-pixxatur, dan kien jerga jinstab miftuh u b'hekk kien qed jikber is-suspett li xi hadd kellu l-interess li juri li l-konsum qawwi ta' ilma kien gej mill-pixattur li kien qed jahli hafna ilma.

F’dan ix-xenarju u peress li s-Santa Venera Bocci Club kien irrifjuta li jofri xi forma ta’ soluzjoni u kumpens u peress li l-Kunsill huwa marbut li jhares il-finanzi pubblici fdati lilu, s-Sindku bi qbil unanimu tal-Kunsillieri prezenti qablu sabiex il-Kunsill ta’ Santa Venera jghalaq il-latrina b’mod temporanju (sakemm jigu konkluzi l-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet u dan b’sehh mill-Gimgha 11ta’ Frar 2011) u li jinghalaq ukoll l-bieb li hemm jifred il-latrina sabiex Santa Venera Bocci Club ma jkollux access intern ghall din il-latrina pubblika.

Sar qbil ukoll b’mod unanimu li b’sehh immedjat il-kuntratt li ghandu l-Kunsill Lokali Santa Venera ma’ Santa Venera Bocci Club jigi mqwaqqaf b’mod immedjat peress li fil-fehma tal-Kunsill kellu jkun l-istess Santa Venera Bocci Club li jhares l-interess tal-Kunsill Lokali Santa Venera u dan johrog car mill-kontenut tal-ftehim bejn iz-zewg partijiet.

Il-Kunsill qabel li din id-decizjoni tal-Kunsill tigi komunikata kemm lid-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll lid-dirigenti ta’ Santa Venra Bocci Club u li jwahhal avviz fuq il-bieb tal-latrina li din tinsab maghluqa sakemm isir l-istharrig mill-awtoritajiet.

Fil-hin li l-laqgha kienet ezawrita dahal il-Kunsillier s-Sur Stephen Sultana u meta staqsa x’gara s-Sindku qal lill-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Stephen Sultana dwar id-decizjoni tal-Kunsill.

Il-Laqgha kienet lesta fil-5.55 ta’ filghaxija.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku

Data__________________